# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| Form 1 | RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

ISEM: ______________________________________ KLASSI: __________

**A. Agħmel sinjal taħt l-aħjar frażi. (10 marki)**

1. (Erbgħin, Ħamsin, Sebgħin) jum qabel ma tela' s-sema, Ġesu' deher lid-dixxipli.
2. Ġesu' għad jerġa' jiġi ( fl-Avvent, fl-Għid, fl-aħħar tad-dinja).
3. Ġesu' baqa' jidher lid-dixxipli wara l-Qawmien Tiegħu biex (jagħmel il-mirakli, jgħallem bil-parabboli, jurihom li hu ħaj).
4. Ġesu' ried li jibqa' mad-dixxipli bil-ħidma (ta' San Pietru, tal-Madonna, ta' l-Ispirtu s-Santu).
5. (Fl-Ewkaristija, Fil-Magħmudija, Fil-Griżma) insibu li Ġesu' hu preżenti kollu kemm Hu.
6. Inkunu fil-grazzja ta' Alla meta (ma jkollniex dnubiet mejta, meta nmorru l-knisja, meta nkunu bil-għaqal).
7. Biex nitħejjew għat-tqarbin irridu (nkunu sajmin għal siegħa, inkunu smajna l-Quddiesa mill-bidu, inkunu qerrejna xi siegħa qabel).
8. Ġesu' qalilna l-parabbola (tal-iben il-ħali, tas-Samaritan it-tajjeb, taż-żerriegħa) biex jurina li Alla dejjem lest jaħfrilna.
9. Ġesu' qalilna li min jaqdi (lill-foqra, lil-Lhud, lill-pubblikani) jkun qed jaqdi lilu.
10. Min jagħti ġidu hu verament ( xhud ta' Ġesu', Samaritan, appostlu).

**B. Qabbel dawn is-sentenzi billi tniżżel in-numru fil-kaxxi. (10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Kieku Ġesu' ma qamx | ☐ | qered il-mewt tagħna. |
| 2. Wara li qam mill-mewt | ☐ | għax Ġesu' qam mill-mewt il-Ħadd. |
| 3. Il-Ġisem ta' Kristu Rxoxt | ☐ | nieqfu mix-xogħol u nisimgħu l-Quddies. |
| 4. Wara li qam mill-mewt, Ġesu' kien isellem lid-dixxipli bil-kliem | ☐ | għax kien il-jum li fih Alla ħelishom mill-Eġittu. |
| 5. Il-blandun hu simbolu | ☐ | "Is-sliem għalikom". |
| 6. L-Insara jiċċelebraw il-jum tal-Ħadd | ☐ | kieku t-twemmin tagħna hu fix-xejn. |
| 7. Nhar ta' Ħadd aħna obbligati | ☐ | Ġesu' deher kemm-il darba lid-dixxipli. |
| 8. Il-Lhud jiċċelebraw Jum is-Sibt | ☐ | stqarr, "Mulej tiegħi u Alla tiegħi." |
| 9. Bil-mewt tiegħu Ġesu' | ☐ | la seta' jbati u lanqas imut. |
| 10. Meta ra lil Ġesu' ħaj irxuxtat Tumas | ☐ | tad-dawl ta' Kristu Rxoxt. |

**Ċ. Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet dwar ir-Rabta l-Qadima (10 marki)**

1. Kif wera Abraham il-fidi tiegħu f'Alla? ____________________

____________________

____________________

2. Minn liema jasar Mose' ħeles lill-poplu Lhudi? ____________________

____________________

____________________

3. Għaliex David hu meqjus bħala l-aqwa sultan tal-Lhud? ____________________

____________________

____________________

4. X'kien ix-xogħol tal-profeta? ____________________

____________________

____________________

5. Liema huma l-erba' taqsimiet il-kbar tal-Kotba tat-Testment il-Qadim?

i. ____________________ ii. ____________________

iii. ____________________ iv. ____________________

**D. Aqra sewwa din is-silta mill-Vanġelu u wieġeb il-mistoqsijiet (15-il marka)**

Meta d-dixxipli waslu fl-art tal-Ġerasin, raw raġel imxajtan, ġismu kollu ġrieħi, jgħajjat bħal bhima.
"X'għandi x'naqsam miegħek, Ġesu' ta' Nazaret? X'ġejt tagħmel hawn? Jien naf min int, int l-Iben t'Alla," qal l-imxajtan.
Ġesu' staqsieh,"X'jismek?"
"Leġjun, għax aħna ħafna."
Imbagħad Ġesu' ordna b'leħen għoli u qal, "Spirtu ħażin, qiegħed ngħidlek oħroġ minn dan ir-raġel!"
Meta l-Ispirtu ħallieh, ir-raġel sar kalm u xtaq imur wara Ġesu', imma Ġesu' bagħtu għand niesu u qallu biex imur jgħidilhom kemm wera ħniena miegħu Alla.

*(Mk. 5)*

1. Sib il-kliem fis-silta li juru li d-dnub jagħmel ħsara lill-bniedem. ____________________

____________________ (marka)

2. Xi tfisser il-kelma "leġjun"? ____________________ (marka)

3. Kif inbidel dak ir-raġel wara li l-ispirtu ħażin ħareġ minnu?

____________________

____________________ (marka)

4. Sib mis-silta l-kliem li juri li meta neħilsu mid-dnub inkunu ħielsa li ningħaqdu ma' Alla. ____________________ (marka)

5. Sib mis-silta l-kliem li juri li meta neħilsu mid-dnub inkunu nistgħu ningħaqdu ma' l-oħrajn? ____________________ (marka)

6. X'tgħidilna il-kelma "leġjun" dwar il-qawwa ta' Kristu? ____________________

____________________ (2 marki)

7. L-imxajtan kien marbut bil-ktajjen. Liema huma l-ktajjen li jorbtu ż-żgħażagħ tal-eta' tiegħek mad-dnub? ______________________________ (2 marki)

8. Liema Sagrament waqqaf Ġesu' biex jeħlisna mid-dnubiet li jorbtuna mal-ħażen?
______________________________ (2 marki)

9. X'nitgħallmu dwar Ġesu' minn dan il-miraklu? ______________________________
______________________________ (2 marki)

10. X'tagħlima tagħti din is-silta lil dawk li jħossuhom marbutin mad-dnub u ma jistgħux jeħilsu minnu? ______________________________
______________________________ (2 marki)

**E. Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (15-il marka)**

Sergio kien tifel fuq tiegħu. Għamel l-eżami tal-Junior Lyceum u għadda. Tgħidx kemm ferħet ommu. Għal Novembru, beda jiddejjaq l-iskola. Kien jgħid li kellu uġigħ ta' ras. Ommu waħlet fl-istudju. Il-*form teacher* ħaseb li Sergio ma sabx ħbieb kif xtaq fl-iskola. Beda jkollu ftit deni u kemm-il darba ġiet ommu l-iskola biex tieħdu d-dar. Fl-aħħar marru għand tabib u dan ordna xi testijiet.

Mir-riżultat indunaw li Sergio kellu bżonn imur l-isptar. Issa ilu erba' xhur hemmhekk. Ħadd għadu ma jaf eżatt x'għandu. Il-*form teacher* tah santa sabiħa ta' Dun Ġorġ, u qallu biex jitlob għax Alla seta' jfejqu. Nhar ta' Ħadd fil-għodu sħabu tal-klassi jmorru jarawh. Meta jkun tajjeb tgħidx kemm jifraħ bihom u jgħidilhom li jixtieq ifittex imur magħhom l-iskola, imma meta jkun batut bilkemm ikellimhom.

1. Kif ġab ruħu Ġesu' mal-morda? ______________________________
______________________________ (marka)

2. Semmi ġrajja mill-ħajja ta' Ġesu' meta Ġesu' kien imnikket għall-mewt.
______________________________ (marka)

3. Kif ġab ruħu Ġesu' meta kien imdejjaq ħafna? ______________________________
______________________________ (marka)

4. X'talab Ġesu' lil Alla l-Missier meta sab ruħu fi dwejjaq kbar fil-ġnien taż-żebbuġ?
______________________________
______________________________ (marka)

5. Fil-"Missierna" hemm frażi li tixbah ħafna lit-talba ta' Ġesu'. Ikteb din il-frażi.
______________________________ (marka)

6. Kif għandna nġibu ruħna ma' nies li jkunu morda serjament? ______________________________
______________________________ (2 marki)

7. Liema waqtiet ta' ħajjitna nsibuhom l-aktar diffiċli biex nagħmlu dak li jrid Alla?
______________________________ (2 marki)

8. Għaliex hu importanti li nitolbu meta nkunu fit-tbatija? ______________________________
______________________________ (2 marki)

9. Kif għandu jkun it-talb tagħna fit-tbatija? ______________________________
______________________________ (2 marki)

10. Kieku int kellek tagħti santa tad-Duluri lil Sergio u fuq wara tiktiblu talba biex jgħidha, x'kont tikteb? ______________________________

______________________________ (2 marki)

**F. Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb minn 20 sa 30 kelma fuq kull waħda.**
**(5 marki kull waħda)**

A. Il-Lhud kif kienu jiċċelebraw il-festa tal-Għid tagħhom?
B. X'kien ix-xogħol tal-profeta?
Ċ. Għalfejn Ġesu' għallem bil-parabboli?

1. ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

2. ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**Ġ. Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb paragrafu ta' madwar 80 kelma fuq kull wieħed minnhom.** **(15-il marka kull paragrafu)**

A. It-Testment il-Qadim hu preparazzjoni għal Ġesu' Kristu.
B. Ġesu' Kristu ħabb lill-bnedmin kollha.
Ċ. Ġesu' Kristu hu l-aqwa għalliem li deher fid-dinja.
D. Ġesu' Kristu rebaħ lix-xitan, lill-mard u lill-mewt.

1. ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

2. ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________